

Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011

## L-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi

P7\_TA(2011)0240

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2011 dwar "L-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" (2010/2156(INI))

(2012/C 377 E/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) tal-20 ta' Ottubru 2005 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/515/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Jannar 2008 dwar Kontenut Kreattiv Onlajn fis-Suq Uniku (COM(2007)0836),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar "Europeana - il-passi li jmiss" <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar aġenda Ewropea tal-kultura fl-era tal-globalizzazzjoni <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar l-industriji kulturali fl-Ewropa <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatus soċjali tal-artisti <sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar il-Kultura bħala Katalist għall-Kreattività u l-Innovazzjoni <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010, intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

<sup>(1)</sup> ĠU L 201, 25.7.2006, p. 15.

<sup>(2)</sup> ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.

<sup>(5)</sup> ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 16.

<sup>(6)</sup> ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.

<sup>(7)</sup> ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 32.

<sup>(8)</sup> ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 25.

<sup>(9)</sup> ĠU C 125 E, 22.5.2008, p. 223.

<sup>(10)</sup> [http://ec.europa.eu/culture/our-policy-development/doc/CONS\\_NATIVE\\_CS\\_2009\\_08749\\_1\\_EN.pdf](http://ec.europa.eu/culture/our-policy-development/doc/CONS_NATIVE_CS_2009_08749_1_EN.pdf)

## Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Ġunju 2010, intitolata "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Awwissu 2010, intitolata "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245/2),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2009, intitolata "Id-Dritt tal-Awtur fl-Ekonomija tal-Għarfien" (COM(2009)0532),
  - wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2010, intitolata "L-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" (COM(2010)0183),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0143/2011),
- A. billi l-industriji kulturali u kreattivi karatteristikament għandhom natura doppja, liema natura hija ekonomika fis-sens li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku permezz tal-impjiegi, tat-tkabbir ekonomiku u tal-ħolqien tal-ġid, iżda anki kulturali, grazzi għal attivitajiet li jintegraw lill-individwi soċjalment u kulturalment fis-soċjetà u li jinvolvu lill-istess ċittadini fil-promozzjoni tal-valuri u l-identitajiet kulturali u fl-iżvilupp tal-patrimonju kulturali Ewropew,
  - B. billi din in-natura doppja tiddistingwihom minn industriji oħra, trid titqies l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri speċifiċi,
  - C. billi din in-natura speċifika hi rikonoxxuta u promossa mill-UE fix-xena internazzjonali, peress li l-UE adottat politika ta' żamma tal-koperazzjoni kulturali tagħha fid-WTO u rratifikat il-Konvenzjoni tal-Unesco,
  - D. billi l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) jipprevedi d-dritt li jiġu implimentati politiki għall-protezzjoni tad-diversità kulturali, li huwa sistematikament applikat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha,
  - E. billi, f'konformità mal-Artikolu 167(4) TFUE, hemm bżonn li l-kultura tiġi integrata fil-politiki Ewropej l-oħra, kemm interni kif ukoll esterni, u li f'dan ir-rigward tingħata attenzjoni partikulari, fil-kuntest tal-globalizzazzjoni attwali, għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali,
  - F. billi l-Konvenzjoni tal-Unesco tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-industriji kulturali u kreattivi fil-produzzjoni, it-tqassim u l-forniment ta' aċċess għal firxa wiesgħa ta' beni u servizzi kulturali u tinkoraġġixxu l-koperazzjoni internazzjonali,
  - G. billi l-Istati Membri għandu jkollhom ir-rieda li jappoġġaw il-kultura u l-kreattività bħala fatturi fundamentali għall-preżervazzjoni u t-tiżni tal-patrimonju kulturali u tal-pajsaġġ, li għandhom jiġu protetti u konservati biex jassistu fil-ħolqien ta' sens ta' identità u tiżnied il-kuxjenza kulturali tal-pubbliku,
  - H. billi, fl-UE, l-industriji kulturali u kreattivi jiżvolġu, rwol ewlieni fil-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, tal-pluraliżmu u tal-koeżjoni soċjali u territorjali, iżda anke fid-demokratizzazzjoni tal-aċċess għall-kultura u l-promozzjoni tad-djalogo interkulturali fl-UE kollha kemm hi,
  - I. billi d-diversità kulturali tal-Ewropa, u, b'mod partikulari, il-patrimonju vast tagħha fir-rigward tal-lingwi u l-kulturi reġjonali, hi l-materja prima insostitwibbli għall-industriji kulturali u kreattivi,

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

- J. billi trid tingħata attenzjoni partikulari lill-ispeċifitàjiet kulturali u lingwistiċi fid-dibattitu dwar l-isabbiliment ta' suq uniku fis-settur tal-kontenut kreattiv,
- K. billi l-industriji kulturali u kreattivi huma laboratorji għall-innovazzjoni artistika, teknika u ġestjonali u billi jippermettu disseminazzjoni aktar estensiva tax-xogħlijiet u tal-artisti fil-livell Ewropew u internazzjonali,
- L. billi s-settur tal-industriji kulturali u kreattivi jissaħħaħ u l-viżibilità tiegħu tiġi ggarantita permezz ta' diversi inizjattivi mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ewropa, bħall-'Europe Prize' (il-Premju tal-Ewropa), il-Premju LUX, u r-Rotot Kulturali,
- M. billi l-industriji kulturali u kreattivi għandhom rwol x'jiżvolġu fil-preżervazzjoni tal-ħiliet u l-kapaċitajiet distintiva, imprezzabbli u uniċi permezz tal-fużjoni tal-kreattività kontemporanja u l-esperjenza li ilha teżisti; billi, b'mod speċjali f'ċerti setturi bħal, pereżempju, il-moda, il-produzzjoni tal-arloġġi u l-ġojjellerija, ir-reputazzjoni u s-suċċess dinjijin tal-industriji Ewropej fis-settur huma msejsa fuq il-ħiliet manwali u l-kompetenza tal-artiġjani u l-kreaturi,
- N. billi attwalment l-artisti m'għandhomx l-istatus legali, fil-livell tal-UE, li jqis n-natura speċifika ta' xogħolhom u tal-karriera tagħhom, fir-rigward tal-mobilità, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali b'mod partikulari,
- O. billi l-industriji kreattivi u kulturali, li jgħoddu għal 5 miljun impjieg u 2.6 % tal-PDG tal-UE, huma wieħed mill-muturi ewlenin għat-tkabbir fl-UE, peress li jgħolqu impjiegi ġodda, jiżvolġu rwoli fundamentali fil-katini tal-valur globali u jqanqlu l-innovazzjoni, jipprovdu valur miżjud bħala fattur għall-koeżjoni soċjali u jservu bħala għodda effiċjenti fil-ġlieda kontra r-riċessjoni attwali,
- P. billi l-industriji kulturali u kreattivi jinfluwenzaw kważi kull settur ekonomiku ieħor, billi jipprovdu l-innovazzjonijiet deċiżivi għall-kompetittività, speċjalment fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- Q. billi dawn l-industriji jikkostitwixxu mutur ta' spinta għall-ekonomiji fl-era diġitali, peress li jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u billi jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-obbjettivi tal-istrateġija "Ewropa 2020",
- R. billi l-industriji kreattivi u kulturali jistgħu jgħolqu l-ġid u l-impjiegi jekk jingħataw il-mezzi sabiex ikunu kompetittivi mal-industriji kulturali u kreattivi tal-pajjiżi barra mill-UE fil-kuntest ta' strateġija Ewropea dwar il-kompetizzjoni internazzjonali,
- S. billi wħud minn daww involuti fl-industriji kreattivi u kulturali jaħdmu għal rashom,
- T. billi l-industriji kulturali u kreattivi huma suq li qed jikber fl-UE u qasam fejn għandha l-potenzjal li tkun minn ta' quddiem fis-suq globali,
- U. billi l-iżvilupp tal-kummerċ tal-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi hu pilastru importanti għall-kultura, l-iżvilupp u d-demokrazija,
- V. billi l-kreattività tiddependi fuq l-aċċess għall-għerf, għax-xogħlijiet u għall-kontenut kreattiv eżistenti,
- W. billi r-rwol tal-kontenut kulturali fl-ekonomija diġitali hu kruċjali; billi t-tkabbir diġitali tal-Ewropa fil-ġejjieni se jiddependi fuq jekk ikollhiex provvista varjata ta' kontenut kulturali ta' kwalità għolja,
- X. billi l-era diġitali tiftaħ possibiltajiet ġodda għal dawn l-industriji billi tintroduċi mudelli ekonomiċi ġodda li jippermettu li l-konsumatur ikollu aċċess għal firxa ta' prodotti ta' kwalità għolja,

## Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011

- Y. billi l-industrija tal-kontenut qed tagħmel sforz konsiderevoli biex tiżviluppa offerti legali dwar il-kontenut kulturali onlajn u l-partijiet interessati kollha għandhom jingħaqdu flimkien biex iqajmu kuxjenza dwar l-offerti legali eżistenti ta' kontenut onlajn,
- Z. billi l-gazzetti u l-magażins huma komponenti essenzjali tal-industriji kulturali kif ukoll tal-panorama tal-midja Ewropea pluralistika u varjata,
- AA. billi l-era diġitali tippreżenta wkoll sfidi fir-rigward tas-sostenibilità tas-setturi tradizzjonali ta' dawn l-industriji, inklużi l-pubblikazzjoni tal-kotba, il-bejgħ tal-kotba u tal-midja stampata,
- AB. billi, sabiex jiffjorixxu, l-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa jirrikjedu sistema moderna, aċċessibbli u legalment ċerta għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali,
- AC. billi hu essenzjali li tiġi żgurata l-edukazzjoni artistika u kulturali taċ-ċittadini u li jiġi apprezzat il-proċess kreattiv għall-iżvilupp tal-kreattività, il-konoxxenza tal-arti, il-kultura, il-patrimonju kulturali u d-diversità kulturali tal-UE, l-edukazzjoni għandha tiġi estiża għat-tagħlim mhux biss dwar id-drittijiet diġitali iżda anke l-obbligi, biex b'hekk jitrawmu l-fehim u r-rispett aħjar tax-xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intelletwali,
- AD. billi l-avvanzi teknoloġiċi fl-industriji kulturali u kreattivi bl-ebda mod ma jbiddu l-ħtieġa fundamentali li jitħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intelletwali,
- AE. billi huma rikjesti komformità aħjar mal-qafas legali eżistenti li jħares dawn id-drittijiet, kif ukoll riformi rigward, *inter alia*, is-semplifikazzjoni tal-proċeduri għal-liċenzji fl-industriji kulturali, sabiex ikun jista' jinkiseb kull vantaġġ li joffru l-possibilitajiet ġodda, waqt li tiġi ggarantita sistema bbilanċjata tajjeb ta' ħarsien tad-drittijiet li tqis l-interessi kemm tal-kreaturi, kif ukoll tal-konsumaturi,
- AF. billi hi essenzjali sistema moderna għat-trademarks tal-Unjoni sabiex jitħares il-valur rappreżentat mill-investimenti li jsiru mill-kumpaniji Ewropej fid-disinn, il-ħolqien u l-innovazzjoni,
- AG. billi jrid ikun hemm garanzija ta' investimenti strateġiċi għall-industriji kulturali u kreattivi, pereżempju, permezz tal-aċċess għal finanzjament li jkun adattat għall-ispeċifitàjiet u l-bżonnijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiżvolġu sehem sħiħ biex jagħtu spinta lill-ekonomija Ewropea,
- AH. billi l-industriji kulturali u kreattivi jiżvolġu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' ċentri ta' kreattività fil-livell lokali u reġjonali, li jagħmlu lir-reġjuni iktar attraenti u jippermettu li n-negozji u l-impjegji b'għeruq fit-tessut ekonomiku lokali u reġjonali jinħolqu u jiġu żviluppati, biex ir-reġjuni jsiru aktar attraenti għat-turisti, jippromwovu t-twaqqif ta' negozji ġodda u jsaħħu l-prfil ta' dawn ir-reġjuni, u jippromwovu s-settur kulturali u artistiku u l-preżervazzjoni, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-patrimonju kulturali Ewropew grazzi għal diversi aġenziji bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali,
- AI. billi l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija u l-pjan ta' azzjoni reġjonali tiegħu ġew approvati u allokati fondi għall-2011-2013,
- AJ. billi r-rwol tal-Alleanza Ewropea tal-Industriji Kreattivi għandu jissaħħaħ,

**Ir-rwol dinamiku tal-industriji kulturali u kreattivi fl-Unjoni Ewropea**

1. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu analizzati l-industriji kulturali u kreattivi u l-impatt tal-attivitajiet tagħhom fuq l-ekonomija Ewropea, billi jiġu identifikati, definiti u deskritti waħda waħda, biex jiġu enfasizzati l-karatteristiki tagħhom, ikun hemm fehim aħjar tal-miri u l-problemi tagħhom u biex jiġu implimentati miżuri iktar effikaċi;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tissokta bl-isforzi tagħha biex tipproduċi definizzjoni aħjar tal-industriji kulturali u kreattivi sabiex jiġi analizzat fil-fond l-impatt tagħhom fuq it-tkabbir u l-kompetittività internazzjonali fuq perjodu ta' żmien twil u biex trawwem aktar rikonoxximent tal-karatteristiki speċifiċi tas-settur;

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

3. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod qawwi għall-protezzjoni u l-appoġġ tal-patrimonju kulturali tagħhom, billi jirrikonoxxu li biex l-industriji kulturali u kreattivi jiżviluppaw hemm bżonn ekonomija doppja fejn ikun hemm koeżistenza tal-investment pubbliku u dak privat;
4. Jikkunsidra li l-industriji kulturali u kreattivi għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' aġenda politika Ewropea ġdida f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-settur u fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni, u li l-Programm Kultura tal-futur għandu jirrifletti l-ħtiġijiet tas-settur kulturali u kreattiv fl-era diġitali permezz ta' approċċ iktar prammatiku u iktar komprensiv;
5. Jirrikonoxxi li, bħala għejjun tal-innovazzjoni ekonomika u soċjali f'ħafna setturi oħra tal-ekonomija, l-industriji kulturali u kreattivi għandhom setgħa kbira ta' sinergizzazzjoni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġa, tippromwovi u tiffaċilita l-żvilupp ta' qafas kulturali u kreattiv billi trawwem sistema ta' kooperazzjoni iktar elaborata bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, ibbażata fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenzi dwar Prattika tajba; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess ta' segwitu għall-Green Paper, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal White Paper, fil-prospettiva tal-importanza li dejjem qed tikber tal-industriji kulturali u kreattivi, kif ukoll tal-oġettiv li jissaħħaħ dan is-settur, oġettiv li hu ta' importanza strateġika biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020;

**Edukazzjoni, taħriġ u qawmien ta' kuxjenza**

8. Iħeġġeġ kemm lill-Istati Membri u kemm lill-Kummissjoni jippromwovu l-edukazzjoni artistika u kulturali (b'enfasi partikulari fuq il-kreattività) f'kull età, mill-edukazzjoni primarja sal-edukazzjoni ogħla u/jew vokazzjonali, u jiżviluppaw il-ħiliet imprenditorjali tal-kreaturi, anke fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja, partikolarment minħabba r-rwol tagħha biex tqajjem kuxjenza dwar il-kreattività u biex tgħallim l-użu tajjeb tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u r-rispett għall-proprjetà intellettwali;
9. Jindika l-vantaġġi ta' edukazzjoni li tgħaqqad l-għarfien teoretiku tal-istorja tal-kultura u tal-arti mal-ħolqien artistiku applikat u l-ġestjoni tal-assi kulturali, fl-impriżi, fl-istudios, eċċ. bl-għan li jissaħħu kemm il-ħiliet teoretiċi u kemm dawk prattiċi;
10. Jenfasizza l-importanza ta' programmi edukattivi li jiffokaw fuq it-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp ta' ideat u l-irrakuntar ta' stejjer, il-ħiliet diġitali, il-ħiliet tekniċi, imprenditorjali u tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluż l-użu tan-netwerks soċjali, u l-ħiliet tal-ħaddiema;
11. Jenfasizza l-potenzjal tal-koperazzjoni u d-djalogu mill-qrib bejn l-industriji kulturali u kreattivi, l-universitajiet, iċ-ċentri għar-riċerka, l-iskejjel tal-arti u l-istabbilimenti tal-arti li jipprovdu programmi ta' taħriġ konġunti u opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja;
12. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa urġenti li jirrikonoxxu l-kwalifiki vokazzjonali fl-industriji kulturali u kreattivi, jippromwovu l-mobilità tal-istudenti u tal-letturi u jiżviluppaw ulterjument il-perjodi ta' Prattika għal esperjenza ta' taħriġ u xogħol għall-artisti u l-kreaturi;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jespandu l-qafas għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u tal-korsijiet ta' taħriġ, bil-prospettiva, li mhix l-anqas importanti, li jiġu inklużi l-ħiliet ġodda rikjesti mis-settur tal-industriji kulturali u kreattivi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi programmi ta' riċerka u sħubija konġunti bejn l-industriji kulturali u kreattivi u s-settur tal-edukazzjoni u tat-taħriġ (inkluż it-taħriġ waqt is-servizz), biex b'hekk iċ-ċittadin jingħata ħiliet kreattivi u interkulturali, tiffaċilita l-użu ta' tekniki ġodda u għodod kreattivi ġodda fis-settur tal-edukazzjoni, tintensifika l-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja – partikolarment permezz tal-użu tal-Fond Soċjali Ewropew – minħabba r-ritma tal-bidla teknoloġika f'dan il-qasam, u, bil-kontra, permezz tar-riċerka u l-edukazzjoni, iġġedded l-industriji kulturali u kreattivi;

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu d-disponibilità ta' taħriġ manijerjali, kummerċjali u imprenditorjali speċifikament imfassal għall-professjonisti tal-industriji kulturali u kreattivi, sabiex jiġu mgħammra bil-ħiliet komunikattivi u imprenditorjali rikjesti f'ambjent soċjoekonomiku dejjem jevolvi; jinnota l-esperjenza pożittiva fit-taħriġ u l-ġestjoni żviluppata fil-qasam awdjoviżiv mill-programm MEDIA u jittama li jara l-Programm Kultura mgħammar bi strumenti simili;
16. Jipproponi l-ħolqien ta' proġetti pilota ġodda skont il-programmi Erasmus u Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ biex ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi fis-settur kulturali u kreattiv;
17. Jenfasizza l-ħtieġa għat-trażmissjoni tat-tekniki u l-għerf, u l-valur tat-tisħiħ tat-tagħlim u t-twaqqif ta' programmi ta' taħriġ professjonali ffokati fuq is-settur kulturali u kreattiv, tal-isfruttament aħjar tal-użu ta' programmi u l-kurrikuli eżistenti, billi tingħata edukazzjoni fuq diversi dixxiplini u jiġu promossi l-koperazzjoni u s-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-istudenti, il-professjonisti mis-settur kulturali u kreattiv, l-impriżi ta' kull daqs, inkluż dawk tas-settur privat u dak pubbliku, l-artiġiani u l-istituzzjonijiet finanzjarji;
18. Jirrikonoxxi l-importanza li għandhom l-industriji kulturali u kreattivi fit-trawwim tal-iżvilupp ta' kontenut Ewropew, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-konverġenza kulturali tal-Istati Membri u relazzjoni aktar mill-qrib bejn il-popli taġġhom;
19. Jisħaq fuq il-fatt li t-tagħlim u l-ħiliet interkulturali jgħinu lin-nies jifhmu kulturi oħrajn u għaldaqstant jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali;

**Kundizzjonijiet ta' ħidma u imprenditorjat**

20. Jirrikonoxxi l-impatt, il-kompetittività u l-potenzjal futur tal-industriji kulturali u kreattivi bħala mutur importanti għat-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa li jista' jiżvolġi rwol deċiżiv fl-irkupru ekonomiku tal-UE;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi lill-industriji kulturali u kreattivi bħala parti produttiva tal-ekonomija Ewropea, b'mod partikolari f'termini tal-kapaċità taġġhom biex jgħinu lil setturi oħrajn tal-ekonomija jsiru iktar kompetittivi;
22. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati il-kundizzjonijiet ta' ħidma u l-aspetti ekonomiċi, soċjali, legali u fiskali ta' dawn is-setturi, b'referenza partikolari għad-dimensjoni imprenditorjali tal-industriji kulturali u kreattivi u għall-kundizzjonijiet ta' ħidma;
23. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi u tat-titjib tal-grad kemm l-impjegati jikkorrispondu mal-livell tal-kwalifiki;
24. Jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tanalizza l-impatt li l-industriji kulturali u kreattivi għandhom fuq l-ekonomija tal-UE, u tippubblika għid għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni dwar l-impjegati u l-ħolqien tal-ġid kummerċjali f'kull fergħa tas-settur;
25. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat sens qawwi ta' imprenditorjat kulturali u kreattiv fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;
26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu l-kundizzjonijiet ottimali biex jiġu impjegati żgħażaġh bi kwalifika universitarja u professjonisti żgħażaġh minn dan is-settur u li jittrawwu l-opportunitajiet għalihom biex isiru imprendituri, kif ukoll li jitħarrġu fl-aspetti speċifiċi ekonomiċi, fiskali, finanzjarji u teknoloġiċi tad-dinja kulturali u kreattiva, kif ukoll fl-oqsma tal-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, tad-drittijiet tal-proprietà intelletwali u tat-trasferiment tal-għerf interġenerazzjonali;
27. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta pjattaforma multilingwistika sabiex dawk li jaħdmu fis-settur kulturali u kreattiv ikunu jistgħu jingħaqdu ma' netwerk fil-livell Ewropew fejn ikunu jistgħu jiskambjaw l-esperjenzi, l-aħjar Prattiki u l-kompetenza, u jikkoperaw fuq proġetti konġunti jew proġetti pilota b'dimensjoni transnazzjonali u transkonfinali u jsibu informazzjoni kompluta dwar il-leġiżlazzjoni fis-seħħ (bħal kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet soċjali) u dwar il-possibilitajiet għal finanzjament;

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu għal darba oħra taħt l-intestatura ta' industriji kulturali u kreattivi lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-operaturi tal-ekonomija soċjali – kif definiti fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali – billi huma attivi fis-setturi rilevanti għall-industriji kulturali u kreattivi, biex b'hekk jippermettu l-adozzjoni ta' benefiċċji fiskali, aċċess faċli għas-self u protezzjoni tal-impjegji;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta u tirrikonoxxi l-azzjonijiet immexxija mis-servizzi kulturali, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-inizjattivi privati involuti fl-iżvilupp ta' ekonomija inklużiva kreattiva; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu u jinkorporaw il-prattiki tajbin imfassla biex jiffaċilitaw l-aċċess għaż-żgħażaġħ (ikun xi jkun l-istatus tagħhom bħala studenti, apprendisti, min qed jitħarrġu, min qed ifittex xogħol, eċċ.), u dawk l-aktar vulnerabbli għall-kultura u għall-kontenuti kreattiv – pereżempju, prezzijiet mnaqqa, vawċers kulturali u attivitajiet kulturali b'xejn;

**Status ta' artisti**

30. Itenni li jrid jinħoloq l-istatus ta' artist Ewropew sabiex l-artisti jkunu jistgħu jgawdu kundizzjonijiet ta' ħidma sodisfaċenti u miżuri adegwati fir-rigward tas-sistemi fiskali, id-dritt tagħhom għax-xogħol, id-drittijiet tas-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-awtur biex titjeb il-mobilità fl-UE;

31. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jieħdu azzjoni dwar ir-Rakkoman-dazzjoni tal-UNESCO Recommendation dwar l-Istatus tal-Artist;

**Snajja' artistiċi**

32. Jindika li s-snajja' artistiċi jikkostitwixxu wieħed mill-pilastru li fuqhom huma msejsa l-patrimonju kulturali u l-ekonomija tagħna, u li għaldaqstant hemm bżonn li tiġi ssalvagwardjata l-kontinwità tagħhom permezz tal-mekkaniżmi xierqa għat-trażmissjoni tal-għerf u l-ħiliet, kif enfasizzat fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' April 2008 dwar l-industriji kulturali fl-Ewropa;

33. Itenni l-għan tal-preżervazzjoni tan-natura speċifika ta' xi snajja' u t-trasferiment tal-għerf, speċjalment fis-settur kulturali, kreattiv u tal-artiġjanat, u tal-garanzija mekkaniżmi għat-trasferiment tal-għerf; jipproponi li jithegġegħ l-istabbiliment fil-livell lokali, reġjonali u territorjali tal-workshops għat-trasferiment tal-għerf, b'mod partikolari għas-settur kreattiv tradizzjonali;

34. Jindika li l-mudell ekonomiku għall-industriji kulturali u kreattivi, inkluż fis-settur tal-lussu li hu rappreżentattiv tiegħu, huwa bbażat fuq l-innovazzjoni, il-kreattività kostanti, il-fiduċja tal-konsumatur u l-investment fl-impjegji li sikwit jirrikjedu livell għoli ta' ħiliet u jinvolvu għerf uniku; jistieden lill-Kummissjoni tipromwovi s-sostenibilità ta' dan il-mudell ekonomiku fil-proposti tagħha li jaffettwaw l-industriji kulturali u kreattivi billi tiżviluppa qafas regolatorju adattat għall-karatteristiki speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

35. Jenfasizza l-periklu ta' nuqqas ta' ħaddiema f'xi wħud mis-snajja' li jirrikjedu livell għoli ta' ħiliet jew snajja' speċifiċi ħafna u li jikkontribwixxu għall-eżistenza tal-industriji kulturali u kreattivi fl-UE u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa, flimkien mal-impriżi, biex jiżguraw li dawn il-ħiliet uniki jiġu ppreżervati, u biex jiffaċilitaw it-taħriġ ta' ġenerazzjoni għda ta' artiġjani u ħaddiema li jispeċjalizzaw f'dawn is-snajja';

**Titjib tad-distribuzzjoni tax-xogħlijiet fl-era diġitali**

36. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipromwovu d-distribuzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet fl-UE kollha;

37. Jirrikonoxxi li l-innovazzjoni għandha tiġi promossa mhux biss fil-produzzjoni teknoloġika iżda anke fil-proċessi ta' ġestjoni, kif ukoll fl-iżvilupp tal-proġetti nnifishom u fid-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom;

38. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibilità li jiġu stabbiliti azzjonijiet speċifiċi u għodod adegwati biex l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jiġu appoġġjati u żviluppjati, bil-għan li jitjiebu l-ħolqien, il-produzzjoni, il-promozzjoni u d-distribuzzjoni tal-beni u s-servizzi kulturali;

39. Jisħaq fuq il-fatt li l-użu fuq l-internet jista' jirrappreżenta opportunità reali għal diffużjoni u ċirkolazzjoni aħjar tax-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari x-xogħlijiet awdjoviżivi, f'kundizzjonijiet fejn il-provvista legali tista' tiżviluppa f'ambjent ta' kompetizzjoni b'saħħitha li taffronta b'mod effikaċi l-provvista illegali ta' xogħlijiet protetti u fejn jistgħu jiġu żviluppati modi ġodda għar-rimunerazzjoni tal-kreaturi li jinvolvuhom finanzjarjament fis-suċċess ta' xogħlijiethom;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni stretta tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva <sup>(1)</sup>, li tippredvi li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba jippromwovu l-produzzjoni tax-xogħlijiet Ewropej u l-aċċess għalihom u jirrapportawha dwar l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni sa mhux iktar tard mill-2012;

41. Jenfasizza li sabiex tiġi ggarantita distribuzzjoni aħjar tax-xogħlijiet u tar-repertorji Ewropej, iridu jiġu introdotti inizzjattivi maħsuba għat-tiġib u għall-promozzjoni tat-traduzzjoni, id-doppjaġġ, is-sottotitolari, is-sopratitolari u d-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet kulturali Ewropej u għat-tfassil ta' miżuri speċifiċi f'dawn l-oqsma bħala parti mill-ġenerazzjoni l-ġdida tal-Programmi MEDIA u Kultura għall-perjodu 2014-2020;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ it-kabbir tal-industriji kulturali u kreattivi, speċjalment fuq l-internet, billi tiegħu l-passi rilevanti biex tiżgura li l-partijiet interessati kollha jaqsmu r-responsabilità għall-protezzjoni ugwali tal-prodotti u s-servizzi fl-ambjent diġitali biex ikun hemm aktar fiduċja min-naħa tal-konsumatur fuq l-internet;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas legali biex tiżgura livell għoli ta' fiduċja fl-ispazju diġitali – kummerċjali u mhux – sabiex l-industriji kulturali u kreattivi, min-naħa l-waħda, u l-konsumaturi, mill-oħra, ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-kanali ta' distribuzzjoni diġitali mingħajr il-biża' li jiġu mfixkla minn Prattiki qarrieqa jew abbużivi;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw b'mod partikolari r-rwol tal-libreriji bħala istituzzjonijiet għat-tixrid tal-kultura u bħala fora għad-djalogu; jikkunsidra li l-libreriji, flimkien mas-settur edukattiv u kulturali, għandhom jingħataw ir-responsabilità u r-riżorsi għat-tranżizzjoni diġitali; ifakkar li dan il-proċess huwa wieħed urġenti, billi l-libreriji Ewropej anki issa għandhom biss mezz limitati biex jaqilbu b'mod sodisfaċenti għall-midja diġitali;

45. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza li tiġi estiża l-librerija diġitali Ewropea u li tiġi żviluppata bħala punt fokali għall-projezzjoni tal-patrimonju kulturali, il-memorja kollettiva u l-kreattività tal-Ewropa, u bħala punt ta' tluq għall-attivitajiet edukattivi, kulturali, innovattivi u imprenditorjali; jirrimarka li l-iskambji artistiċi jikkostitwixxu wieħed mill-pilastri li fuqhom jistrieħu l-patrimonju kulturali u l-ekonomija tagħna, u li l-kontinwità tagħhom għalhekk għandha tiġi ssalvagwardjata permezz ta' mekkaniżmi xierqa għat-trasferiment tal-għerf u tal-kapaċitajiet;

46. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-isfidi li jiffaċċjaw is-setturi tradizzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi, bħal pereżempju l-pubblikazzjoni tal-kotba, il-bejgħ tal-kotba u l-midja stampata;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu inizzjattivi għall-promozzjoni u ż-żieda tal-litteriżmu diġitali minħabba l-bidla dejjem tikber lejn il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut diġitali mill-industrija tal-pubblikazzjoni; jisħaq li l-pubblikaturi għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-inizzjattivi dwar il-litteriżmu fil-midja diġitali;

#### **Lejn suq intern għall-kontenut kulturali u kreattiv**

48. Ithegġeg lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jstabbilixxu suq uniku diġitali Ewropew u mekkaniżmi ta' appoġġ tekniku u finanzjarju għall-industriji kulturali u kreattivi bil-ħsieb li jiġi diġitalizzat il-patrimonju kulturali, kif ukoll jintroduċu standards Ewropej komuni;

49. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni u s-suċċess ta' malajr tal-inizzjattiva tal-Aġenda Diġitali bil-għan li l-industriji kulturali u kreattivi jkunu jistgħu jibbenefikaw għalkollox u jadattaw b'suċċess għall-opportunitajiet kollha maħluqa mill-broadband estensiv ta' veloċità għolja u mit-teknoloġiji wireless ġodda;

<sup>(1)</sup> ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

50. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-passi meħtieġa biex jimplimentaw suq intern Ewropew għall-kontenut kulturali u kreattiv fuq l-internet u jiggarrantixxu l-aċċess għaċ-ċittadini Ewropej għal dan il-kontenut, waqt li jiżguraw il-protezzjoni u r-rimunerazzjoni ġusta għal dawk li għandhom id-dritt għalihom, u l-konsolidazzjoni tal-kanali kollha ta' finanzjament għas-settur kreattiv;
51. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-mudelli ekonomiċi ġodda u innovattivi fis-settur kulturali u kreattiv, li huma adattati għall-impatt tal-globalizzazzjoni u l-isfidi tal-era diġitali, speċifikament f'dak li jirrigwarda l-industriji tal-kontenut;
52. Jenfasizza l-importanza, biex jinħolqu kundizzjonijiet ta' aċċess ugwali għall-pjattaformi u tagħmir ġodda, tal-interoperabilità u l-istandards; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-interoperabilità bejn il-pjattaformi, tiżviluppa standards li jgħinu biex jinħolqu suq li jiffaċilita l-innovazzjoni u tevita li tuża sistemi li jistgħu jrażżnu l-aċċess għal kontenut diversifikat;
53. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu, id-disseminazzjoni u l-iżvilupp ta' software open source u standards miftuħin li jirrappreżentaw potenzjal għall-innovazzjoni, il-kreattività, id-disseminazzjoni tal-għerf u l-ħolqien tal-impjiegi;
54. Jinnota li l-frammentazzjoni tas-suq fis-setturi kulturali u kreattivi hija parzjalment dovuta għad-diversità kulturali u l-preferenza lingwistiċi tal-konsumaturi;
55. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi kkunsidrat l-aħjar mod kif jiġi adattat il-qafas legali – u b'mod partikolari r-regoli dwar il-politika għall-kompetizzjoni – għall-qagħda speċifika tas-settur kulturali sabiex jiġu ggarantiti d-diversità kulturali, kif ukoll l-aċċess tal-konsumatur għal firxa ta' kontenut u servizzi kulturali ta' kwalità għolja;
56. Jinnota li l-kummerċ diġitali u l-internet qed jiżviluppaw b'pass mgħaġġel, bil-"ġenerazzjonijiet" tat-teknoloġija jiqsaru ġeometrikament; jemma, għaldaqstant, li għandhom isiru tentattivi biex ir-reazzjoni regolatorja tal-UE ssir konformi mar-rekwiżiti soċjali u kummerċjali attwali sabiex ma titlifx is-sens tagħha billi taqa' lura u xxekkel l-isfruttar sħiħ tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi tal-Istati Membri tal-UE;
57. Jenfasizza l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar il-kundizzjonijiet ottimali għall-iżvilupp ta' dan is-suq uniku, b'mod partikolari fir-rigward tat-tassazzjoni, pereżempju, fir-rigward tat-tnaqqis fras il-għajn applikabbli għad-dħul mid-drittijiet tal-awtur, billi tippermetti l-introduzzjoni ta' rata tal-VAT imnaqqsa għall-beni u s-servizzi kulturali kemm fuq l-internet u kemm mhux, sabiex tippromwovi l-iżvilupp tagħhom;
58. Jisħaq fuq il-fatt li r-regoli tal-VAT u n-nuqqas ta' metodi ta' ħlas aċċessibbli għall-bejgħ fuq l-internet joħolqu wkoll ostaklu għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern u hemm bżonn jiġu indirizzati b'ur-ġenja;
59. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, proposti leġiżlattivi konkreti dwar kif jistgħu jiġu affrontati dawn il-kwistjonijiet sabiex jintgħelbu l-ostakli eżistenti għall-iżvilupp tas-suq intern, b'mod partikolari fl-ambjent fuq l-internet, filwaqt li jiġu rrispettati d-domanda tal-konsumatur u d-diversità kulturali;
60. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, b'referenza għall-inizjattiva emblematika "Aġenda Diġitali", il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-aġġustament tas-settur Ewropew tal-pubblikazzjoni elettronika għall-isfidi imposti mill-kompetizzjoni, billi jinħolqu kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-interoperabilità tas-sistemi, it-trasferibilità minn apparat għall-ieħor u l-kompetizzjoni ġusta;

***Id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali***

61. Jenfasizza li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma assi fundamentali għall-kumpaniji kreattivi u inċentiv għall-kreattività individwali u l-investment fil-ħolqien; jitlob, għaldastant, skemi biex l-industriji kulturali u kreattivi jiġu mgħejjuna jadattaw għall-bidla diġitali permezz ta' servizzi ġodda fuq l-internet ibbażati fuq forom ġodda ta' ġestjoni tad-drittijiet li jippromwovu d-drittijiet tal-awturi; jitlob, ukoll, għal qafas regolatorju bbilanċjat li jirregola l-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

## Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011

62. Jenfasizza l-ħtieġa għal infurzar effikaċi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fl-ambjenti tal-internet u mhux, u, f'dak ir-rigward, jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe miżura għandha tkun evalwata b'attenzjoni sabiex tiggarrantixxi l-effiċjenza, il-proporzjonalità u l-konformità tagħhom mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
63. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta d-dritt tal-awtur għall-era diġitali biex tippermetti lill-industriji kulturali u kreattivi jaħsdu l-benefiċċji maħluqa mit-teknoloġija diġitali u l-konverġenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni u tikkunsidra modi speċifiċi kif tiffaċilita l-użu tal-kontenut kreattiv u l-materjal arkivjat u sistemi one-stop-shop faċli biex jinkisbu permessi għall-użu tad-drittijiet;
64. Jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq ir-rwol essenzjali tas-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur għall-iżvilupp tal-kreattività Ewropea u l-ekonomija diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi, fil-kuntest tat-tfassil li għaddej attwalment ta' proposta għal direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet, qafas legali xieraq għas-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u r-riaggregazzjoni tar-repertorju tad-drittijiet tal-awtur;
65. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti l-vijabilità ta' sistema ta' liċenzjar pan-Ewropea li tkun tibni fuq il-mudelli ta' liċenzji individwali u kollettivi eżistenti tad-drittijiet f'diversi territorji u tiffaċilita t-tnedija ta' servizzi b'għażla varjata ta' kontenut, biex b'hekk jiżjed l-aċċess legali għall-kontenut kulturali fuq l-internet;
66. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar metodi effikaċi bil-għan li jqajmu l-kuxjenza pubblika dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
67. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-partijiet interessati, jorganizzaw kampanja biex titqajjem kuxjenza fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, speċjalment fost il-konsumaturi żgħażaġh Ewropej, dwar il-ħtieġa li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
68. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaffrontaw il-prattiki kummerċjali abbużivi u l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, li tagħhom jistgħu jkunu vittmi l-industriji kulturali u kreattivi kemm fl-ekonomija reali, kif ukoll f'dik diġitali;
69. Jisħaq fuq il-ħtieġa li finalment tiġi indirizzata "l-karestija ta' kotba" esperjenzata minn dawk b'diżabilità fil-vista u dawk b'diżabilità biex jaqraw il-kitba stampata; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet biex jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilitajiet igawdu minn aċċess għall-materjal kulturali f'formati aċċessibbli, u biex jiżguraw li l-liġijiet li jiproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ma jikkostitwixxux xkiel mhux raġonevoli jew diskriminatorju għall-aċċess għall-materjal kulturali minn persuni b'diżabilitajiet;
70. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem b'mod attiv u pożittiv fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO) biex jinstab qbil dwar norma legali vinkolanti, ibbażata fuq il-proposta għal trattat imfassla mill-Unjoni Dinjija għall-Persuni Neqsin mid-Dawl u mqiegħda fuq il-mejda fil-WIPO fl-2009;
71. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissolva l-kwistjoni ta' xogħlijiet orfni; jilqa' l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni biex tippreżenta proposti f'dan il-qasam; jinnota li l-problema ta' xogħlijiet orfni u "l-ħofra s-sewda tas-seklu għoxrin" mhumiex limitati għax-xogħlijiet stampati bħal pereżempju l-kotba u r-rivisti, iżda hija estiża għal kull tip ta' xogħol, inklużi r-ritratti, il-mużika u x-xogħlijiet awdjoviżivi;
72. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-appoġġ finanzjarju għall-inizjattivi tas-settur privat biex jinħolqu drittijiet u databases tar-repertorji estensivament aċċessibbli dwar ir-repertorji mużikali, awdjoviżivi u ta' tip ieħor; id-databases ta' dan it-tip iżidu t-trasparenza u jissemplifikaw il-proċeduri għall-ksib ta' permessi għall-użu tad-drittijiet;
73. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ it-twaqqif ta' mekkaniżmu alternattiv ekwu, imparzjali u effikaċi għas-soluzzjoni tat-tilwim għall-partijiet interessati kollha;
74. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tqis il-problemi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju meta jiġu biex jasserixxu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom f'konformità mal-prinċipju 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' stabbilit mill-Att dwar in-Negozi ż-Żgħar għall-Ewropa, *inter alia* billi jiġi applikat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

75. Jilqa' r-reviżjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-UE tat-trademarks u jhegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li jittieħdu l-passi rilevanti biex jiġi żgurat li t-trademarks ikunu jistgħu jgawdu mill-istess livell ta' protezzjoni fl-ambjent tal-internet u mhux;

**Finanzjament għall-industriji kulturali u kreattivi**

76. Ifakkar li l-politiki u l-miżuri kollha għall-appoġġ u l-finanzjament għall-industriji kulturali u kreattivi għandhom iqisu l-karatteristiki ta' kull ferġha tas-settur;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-industriji kulturali u kreattivi l-istatus ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju minnhom innifishom fir-rigward tal-arranġamenti kollha għall-aċċess għall-kreditu, l-appoġġ tal-bidu u l-protezzjoni tal-impjeggi, li għandhom ikunu adattati b'mod adegwat għall-ispeċifità tas-settur, b'referenza partikulari għall-kapitalizzazzjoni baxxa, id-ditta bħala assi, ir-riskju għoli fl-istadju bikri, l-impatt kbir tat-teknoloġija informatika, l-impjeg irregolari u l-hteġa għal servizzi ċentralizzati;

78. Jistieden lill-atturi kollha kkonċernati jikkunsidraw li jintroduċu strumenti finanzjarji ġodda innovattivi, kemm fl-livell Ewropew, kif ukoll f'dak nazzjonali, bħall-miżuri ta' garanzija bankarja, self antiċipat ripagabbli u fondi ta' kapital ta' riskju, li jqisu l-ħtiġijiet ta' dawn l-industriji u speċjalment il-fatt li l-unika forma ta' kapital għall-kreaturi, f'ħafna każijiet, mhijiex waħda materjali;

79. Jargumenta favur il-mobilizzazzjoni tal-fondi u tal-programmi eżistenti tal-UE (bħall-Faċilità ta' Mikrofinanzjament), u l-applikazzjoni semplifikata għalihom, għall-iżvilupp tal-impriżi żgħar u tal-mikroimpriżi fis-settur kulturali u kreattiv, bil-ħsieb li jiġi ottimizzat l-appoġġ għall-impriżi billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-possibilitajiet ta' finanzjament;

80. Jipproponi l-introduzzjoni ta' mikrofinanzjamenti fuq żmien qasir biex jithegħgu l-isperimentazzjoni u l-iżvilupp ta' proġetti kulturali u kreattivi innovattivi;

81. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza tal-fondi strutturali, kif ukoll tal-programmi attwali u futuri fl-oqsma tal-kultura, tal-midja awdjoviżiva, taż-żgħażaġh u l-edukazzjoni, f'termini tal-potenzjal tagħhom biex javvanzaw is-settur kreattiv, u li ssawwar konklużjonijiet u taġixxi fuqhom biex ikun hemm politika ta' appoġġ aħjar;

82. Jirrikonoxxi, ukoll, l-effikaċja tal-programmi tal-UE, bħall-Programm għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività, biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jkun jista' jkollhom aċċess għall-finanzjament, u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibilità li jtfasslu programmi speċifiċi simili għall-industriji kulturali u kreattivi;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi linja baġitarja speċifika taħt l-inizjattiva emblematika "Aġenda Diġitali" bħala appoġġ għall-bidla lejn sistemi diġitali fis-swali taċ-ċinema Ewropej, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għall-kontenut li jirrifletti l-identitajiet differenti tal-Ewropea u sabiex is-settur tal-films Ewropew kollu kemm hu jsir aktar kompetittiv;

84. Jenfasizza l-importanza ta' patroċinji u sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat fil-finanzjament u l-appoġġ għall-attivitajiet kulturali u kreattivi, u jitlob li jittejjeb l-aċċess għall-kreditu għal dawn is-setturi u li jiġu eżaminati formuli alternattivi bħall-eżenzjoni mit-taxxa jew l-inċentivi fiskali biex jithegħegħ l-patroċinju mill-impriżi;

85. Jišhaq fuq l-importanza li l-professjonisti fis-settur bankarju jkunu mħarrġa biex jipprovdu konsulenza dwar il-finanzjament ta' proġetti kulturali u kreattivi biex ikun hemm aċċess aħjar għall-kreditu mill-istituzzjonijiet finanzjarji;

86. Jišhaq fuq l-importanza li jiġu żviluppatti servizzi ta' konsultazzjoni u konsulenza dwar il-finanzi u l-ġestjoni kummerċjali biex daww li jaħdmu fis-settur kulturali u kreattiv, u b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji żgħar ħafna, ikunu jistgħu jifhmu l-għodod meħtieġa għal ġestjoni kummerċjali tajba sabiex jittiebu l-ħolqien, il-produzzjoni, il-promozzjoni u d-distribuzzjoni tal-beni u s-servizzi kulturali;

87. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitħarrġu professjonisti kapaċi jiżguraw il-vijabilità ekonomika u finanzjarja ta' proġetti kulturali u kreattivi sabiex jittjeb l-aċċess għall-kreditu quddiem istituzzjonijiet finanzjarji u bankarji li ġeneralment ma jkunux familjari mal-karatteristiki speċifiċi ta' dan is-settur;
88. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Aġenda Diġitali, tgħin lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fl-industrija kulturali u kreattivi fit-tfittxija tagħhom għal mudelli kummerċjali innovattivi fuq l-internet li jkunu kompetittivi u favorevoli għall-konsumatur u bbażati fuq il-kofinanzjament u l-kondiviżjoni tar-riskji bejn l-industrija kulturali u kreattivi u l-intermedjarji;
89. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-proċeduri tal-akkwist pubbliċi ma jinvolvu spejjeż u burokrazija żejda bla bżonn għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
90. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tat-tneġġa f'Diċembru 2011 tat-tmien Programm Qafas għar-Riċerka, tipprovdi fondi għall-implimentazzjoni ta' proġetti imprenditorjali u negozji ġodda proposti minn żgħażaġħ taħt il-35 sena fis-settur tal-industrija kulturali u kreattivi;
91. Jitlob li jingħata finanzjament ta' prijorità taħt il-programm ENPI RIP 2011-2013 lill-industrija kulturali u kreattivi, b'referenza partikolari għas-settur awdjoviżiv u l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi fir-reġjun Ewro-Mediterran;
92. Jissuġġerixxi li jintuża l-qafas tal-Alleanza tal-Industrija Kreattivi Ewropej (AIKE) biex tiġi pprovduta pjattaforma għall-aċċess għall-informazzjoni u konsulenza dwar l-istat ta' thejġija għall-investment u strateġiji kummerċjali fuq żmien twil, l-aċċess għas-self, fondi ta' garanzija u investment transkonfinali mis-settur privat, u jitlob li tiġi esplorata l-possibilità li jitwaqqaf Bank tal-Industrija Kreattivi;
93. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali joħlqu kundizzjonijiet favorevoli għall-industrija kulturali u kreattivi biex jistabilixxu kuntatt mal-organizzazzjoni li x'aktarx jipprovduhom finanzjament, u jistieden lil dawk l-awtoritajiet iqajmu kuxjenza fost l-organizzazzjonijiet finanzjarji dwar is-sitwazzjoni speċifika tal-industrija kulturali u kreattivi biex jikkonvinċuhom jinvestu f'dawn l-industriji u, b'mod aktar partikolari, fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u f'negozji żgħar ħafna, abbażi ta' proġetti kulturali b'potenzjal ekonomiku qawwi;
94. Iħeġġeġ lill-korpi lokali, territorjali u reġjonali jaraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji jsiru iktar konxji dwar il-karatteristiki speċjali tal-industrija kulturali u kreattivi sabiex dawn ikunu motivati jinvestu f'dawn l-industriji u b'mod partikolari fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

### **Koperazzjoni lokali u reġjonali**

95. Jenfasizza li l-industrija kulturali u kreattivi ta' spiss jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekonomija lokali f'diffikultà billi jħeġġu l-feġġa ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda, joħlqu impjegi ġodda u sostenibbli u jsaħħu l-attrazzjoni tar-reġjuni u l-bliet Ewropej, biex b'hekk jaqdu l-interessi tal-koeżjoni soċjali u territorjali;
96. Jenfasizza li l-kultura għandha rwol essenzjali x'tiżvolġi f'termini tal-iżvilupp sostenibbli tat-territorji transkonfinali u huwa konxju mill-fatt li l-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-industrija kulturali u kreattivi jistgħu jikkontribwixxu għall-ilhug tal-koeżjoni territorjali; jemmaen li t-tqanqil tal-kultura u tal-kreattività hu parti integrali mill-koperazzjoni territorjali li għandha tissaħħaħ;
97. Jistieden lill-korpi kollha involuti fil-livell lokali jużaw il-programmi ta' koperazzjoni territorjali sabiex jużaw u jittrasferixxu l-aħjar prattiki għall-iżvilupp tas-settur tal-industrija kulturali u kreattivi;
98. Jirakkomanda, min-naħa l-waħda, li titwettaq riċerka iktar intensiva dwar l-interdipendenza tal-provvista tal-kultura u l-lokalità tan-negozji kulturali u kreattivi, kif ukoll is-sinifikat mifrux mal-UE tal-kultura bħala fattur fid-deċiżjonijiet tal-kumpaniji fejn jistabilixxu ruħhom; u, mill-oħra, li jingħata appoġġ lir-riċerka akkademika dwar l-impatt li għandhom in-negozji kulturali u kreattivi fuq il-postijiet fejn jistabilixxu ruħhom;
99. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkatalogaw l-għerf disponibbli dwar il-prattiki, il-htijijiet u l-esperjenzi t-tajba tal-koperazzjoni kulturali u kreattiva transkonfinali u territorjali, sabiex tinkiseb ħila speċifika fil-kultura, il-kreattività u t-territorji transkonfinali (partikolarment f'oqsma li fuit li xejn huma esplorati bħar-rabta bejn il-kultura, il-kreattività u l-ekonomija) u sabiex jitfasslu strateġiji transkonfinali għall-ġestjoni tal-patrimonju u r-riżorsi kulturali;

**Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011**

100. Jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jistabbilixxu postijiet għal-laqgħat u jistabbilixxu l-bażi għall-ħolqien ta' netwerks lokali biex titqajjem kuxjenza dwar l-industrija kulturali u kreattivi fost dawk li jaħdmu fis-settur, permezz tal-kondiviżjoni tal-kompetenzi, l-esperimentazzjoni, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ fit-teknoloġiji l-ġodda, bħat-teknoloġiji diġitali, kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali permezz ta' taħriġ, dibattiti u avvenimenti artistiċi u kulturali oħra, u jiżviluppaw ċentri ta' kreattività u inkubaturi li jippermettu li l-professjonisti żgħażaġħ u n-negozji kreattivi jaħdmu f'network, jippromwovu l-innovazzjoni u jżidu l-viżibilità tas-settur;

101. Jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħaqdu flimkien f'netwerks bil-ħsieb li jagħmlu skambju il-prattiki tajbin u jwaqqfu proġetti pilota transkonfinali u transnazzjonali;

102. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal tixrid u ċirkolazzjoni aħjar tal-beni kulturali billi jorganizzaw, jappoġġaw u jippromwivu avvenimenti kulturali;

103. Jinnota li l-infrastrutturi u l-faċilitajiet kulturali u kreattivi jiżvolġu rwol importanti fl-iżvilupp tal-ambjent fiżiku tal-bliet, fil-ħolqien ta' ambjent attraenti għall-investment u, b'mod partikolari, fir-rijabilitazzjoni u r-rivitalizzazzjoni tad-distretti industrijali antiki, u li l-patrimonju kulturali jagħti valur miżjud u jżid l-individwalità fl-iżvilupp u t-tiġdid taż-żoni rurali, speċjalment permezz tal-kontribut tiegħu għat-turiżmu rurali u l-prevenzjoni tad-depopolazzjoni ta' dawn iż-żoni;

104. Jikkunsidra wkoll li hu fattur sinifikanti ħafna fil-kuntest tal-istrateġiji għar-rijabilitazzjoni ta' distretti industrijali antiki, kif ukoll fil-politiki għad-definizzjoni tal-isferi settorjali l-ġodda tat-turiżmu li qed jitfaċċaw u fid-definizzjoni mill-ġdid tat-turiżmu tradizzjonali;

105. Jemmen għalhekk li l-istabbiliment ta' industrija kulturali u kreattivi u l-iżvilupp ta' dawk li diġà jeżistu jridu jiġu appoġġati permezz ta' strateġiji ta' żvilupp nazzjonali, reġjonali u lokali, fi sħubija bejn l-awtoritajiet pubbliċi li jirrappreżentaw id-diversi oqsma politiċi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili rilevanti;

106. Ihegġegħ għalhekk lill-Istati Membri u lir-reġjuni joħlqu opportunitajiet għall-koperazzjoni ta' dan it-tip, ifasslu politiki li jagħqu l-investment fl-infrastruttura mal-investment fil-kapital uman, u jesploraw l-iskemi ta' vawċers ta' innovazzjoni biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-individwi kreattivi u kulturali jiksbu ħiliet professjonali;

107. Jemmen li l-Kummissjoni tista' tagħti iktar attenzjoni lill-arranġamenti ta' ġemellaġġ bejn il-bliet, il-muniċipalitajiet u r-reġjuni, li għal ħafna snin ipprovdew forum eċċellenti għall-koperazzjoni kulturali u kreattiva u għall-iskambju tal-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, f'koperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, inizjattivi ta' ġemellaġġ u skambju moderni u ta' kwalità għolja li jinvolvu lill-partijiet kollha tas-soċjetà;

108. Jissuġġerixxi t-twaqqif ta' programm ta' azzjoni ddedikat għall-promozzjoni u l-koperazzjoni kulturali transkonfinali, bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Volontarjat;

**Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura**

109. Jenfasizza r-rikonoxximent estensiv tal-inizjattiva tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura bħala "laboratorja" għall-iżvilupp urban permezz tal-kultura; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi din l-inizjattiva u tiżgura l-kundizzjonijiet tajbin għat-trasferiment tal-aħjar Prattiki, il-koperazzjoni kulturali u t-twaqqif ta' netwerks għall-kondiviżjoni tal-esperjenza dwar l-opportunitajiet tal-industrija kulturali u kreattivi sabiex isir użu mill-potenzjal sħiħ ta' dawn is-setturi;

110. Jitlob li jiġi inklużjoni dibattitu dwar il-potenzjal tal-industrija kulturali u kreattivi fil-programm tal-avvenimenti li jiċċelebra il-Kapitali Ewropea tal-Kultura;

Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011

**Il-moda u t-turiżmu**

111. Jikkunsidra li l-moda u t-turiżmu kulturali u sostenibbli għandhom jżiedu mas-setturi identifikati fil-Green Paper bħala dawk is-setturi li jiffurmaw parti mill-industriji kulturali u kreattivi; jindika li ż-żewġ setturi huma kkaratterizzati minn grad għoli ta' kreattività u spirtu imprenditorjali li għandhom impatt sinifikattiv fuq l-ekonomija u l-kompetittività internazzjonali tal-UE;

112. Jenfasizza l-importanza konsiderevoli tat-turiżmu għall-industriji kulturali u kreattivi u jirrakkomanda li l-Kummissjoni thegġegħ lill-bliet u r-reġjuni jagħmlu użu ikbar mill-kultura bħala assi uniku, jikkoperaw iktar mill-qrib ma' xulxin fil-qasam tat-turiżmu kulturali, jiżviluppaw forum ta' koperazzjoni bejn is-settur kulturali u dak tat-turiżmu u jappoġġaw liż-żewġ setturi fi sforzi ta' kummerċjalizzazzjoni konġunta;

**Ir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kummerċ**

113. Jenfasizza l-importanza tal-Konvenzjoni tal-Unesco msemmija hawn fuq bħala strument essenzjali biex jiġi ggarantit li "l-eċċezzjoni kulturali" fil-kummerċ internazzjonali fil-prodotti u s-servizzi ta' natura kulturali u kreattiva tinżamm fi ħdan il-qafas internazzjonali tad-WTO;

114. Jinnota li fir-rigward tal-promozzjoni tal-iskambju u d-diversità kulturali, l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi huwa soġġett għal ħafna barrieri tariffarji u mhux tariffarji li, flimkien man-nuqqas ta' sigurtà tan-netwerks għad-distribuzzjoni u l-isfruttar, jagħmluha diffiċli biex il-kultura Ewropea jkollha preżenza ġenwina;

115. Jisħaq fuq il-potenzjal kbir tal-industrija kulturali u kreattiva fil-kummerċ internazzjonali u jassumi li s-sinifikat tagħha qed jiġi sottovalutat minħabba d-diffikultà biex tinġabar id-data;

116. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-prospettiva tal-proliferazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali, tressaq lill-Parlament strateġija ċara u ġenerali dwar il-protokolli ta' koperazzjoni kulturali mehmużin ma' dawk il-ftehimiet, bil-ħsieb li l-offerta Ewropea ta' koperazzjoni tiġi adattata għall-ħtiġijiet u l-karatteristiki speċifiċi tal-industriji kulturali u kreattivi fil-pajjiżi sħab, f'konformità mal-impjenji meħuda fid-WTO u mal-ispirtu u l-kelma tal-Konvenzjoni tal-Unesco;

117. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu spinta lill-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi kulturali u kreattivi u jistinkaw biex iżidu l-prominenza tal-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa barra mill-UE;

\*

\* \*

118. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Sarajevo bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura 2014**

P7\_TA(2011)0241

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2011 dwar Sarajevo bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2014**

(2012/C 377 E/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,